# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 12**

**Ċitazzjoni numru 1220/01 AE**

**Mary Grech**

**v.**

**Anthony Grech u Reno Grech u b'degriet tat-12 ta' Novembru, 2008, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Carmel *sive* Charles Grech, Emanuel *sive* Lino Grech, u Mario Grech, kif ukoll f'isem Joseph u Maria Konċetta konjuġi Grech għal kull interess li jista' jkollhom sabiex ikomplu fil-kawża minflok il-konvenut Anthony Grech li miet fil-mori tal-kawża. B'degriet tal-5 ta' Lulju, 2013, il-Qorti ordnat t-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Charlotte Grech, Maria Grech Muscat u Analise Grech Muscat, eredi ta' Emanuel Grech, u b'degriet tad-19 ta' Novembru, 2019, l-atti ġew trasfużi f'isem Carmel *sive* Charles Grech, Maria Grech u Analise Grech stante li fil-mori tal-Appell mietu l-istess Maria Konċetta u Joseph konjuġi Grech u Emanuel *sive* Lino Grech**

## Il-Qorti:

1. Dan huwa appell imressaq mill-attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Marzu, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti (i) laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut Anthony Grech u ċaħdet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-werrieta tiegħu, bl-ispejjeż a karigu tal-attriċi; (ii) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Reno Grech; (iii) ċaħdet l-ewwel talba attriċi; (iv) ċaħdet it-tieni u tielet eċċezzjoni tal-konvenut Reno Grech, u sabet li r-raġunijiet li ssemmew ma jneħħux minn fuqu r-responsabbilta` ta' dak li seħħ; (v) laqgħet it-tieni talba w sabet li l-konvenut Reno Grech hu responsabbli għat-telf li ġarrbet l-attrici fir-rigward tal-fond 114, Triq Felice, Żabbar, u li għad tista' ġġarrab minħabba l-garanzija personali favur il-Bank of Valletta plc; (vi) laqgħet it-tielet talba w illikwidat id-danni fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf disa' mija u tmienja u għoxrin ewro u ħamsin ċentezmu (€41,928.50), jiġifieri f' nofs kemm tqies li jiswa l-fond 114, Triq Felice, Zabbar, bla ħsara għall-jedd tal-attriċi li ddur kontra l-istess konvenut Reno Grech għas-somma li tħallas mill-patrimonju personali tagħha sa massimu ta' disgħa u sittin elf tmien mija u wieħed u tmenin ewro (€69,881) bl-imgħax sas-27 ta' April 2001; (vii) ikkundannat lill-konvenut Reno Grech iħallas lill-attriċi s-somma ta' wieħed u erbgħin elf, disa' mija u tmienja u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€41,928.50) bl-imghax mid-data tas-sentenza, u b'riżerva għal dak li ngħad aktar 'il fuq; u (viii) ordnat li l-ispejjeż jinqasmu

in kwantu għal tliet kwarti ($^3/_4$) mill-konvenut Reno Grech, u kwart ($^1/_4$) mill-attriċi, ladarba l-ewwel talba tagħha ma ntlaqgħetx;

2. Illi fir-Rikors Maħluf tagħha, li jirrigwarda l-azzjoni Pawljana, l-appellanti kienet talbet biex l-ewwel Qorti ssib li r-reġistrazzjoni tal-kumpanija Merger Enterprises Limited mill-aħwa Anthony u Reno Grech saret b'simulazzjoni u b'qerq, a skapitu tagħha. Talbet li l-aħwa Grech iwieġbu għad-dejn u t-telf fl-assi u fit-tmexxija tan-negozju, minn liema dejn u telf hija wkoll ġarrbet danni. Għaldaqstant talbet il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mingħandhom;

3. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *"Ikkonsidrat:*
>
> *"1. M'hemmx kontestazzjoni li Anthony Grech ma kellu x'jaqsam xejn mat-tmexxija tan-negozju ta' Merger Enterprises Limited. Mid-deposizzjoni tal-attrici hu evidenti li l-attrici mill-bidunett kienet taf bl-ezistenza ta' din il-kumpannija u li zewgha kien qiegħed jinnegozja biha. Ghal snin shah l-attrici ma kellha l-ebda problema bit-twaqqif ta' din il-kumpannija. Tant hu hekk li f'dak l-istadju ma hadet l-ebda passi biex twaqqaf lil zewgha milli jkompli jmexxi l-kumpannija.*
>
> *"2. Hu evidenti li l-inkwiet dwar il-kumpannija inqala' meta l-attrici skopriet, mill-istatut tal-kumpannija, li Anthony Grech kien l-azzjonist maggoritarju tal-kumpannija filwaqt li zewgha kellu sehem wiehed biss. Ghalhekk ipproponiet il-kawza 974/1995 bl-ghan li 499 sehem registrati f'isem Anthony Grech jigu trasferiti f'isimha u f'isem zewgha. Mela f'dak l-istadju l-interess tal-attrici kien sempliciment sabiex jigi accertat li dawk l-ishma jidhlu fil-komunjoni tal-akkwisti, u xejn iktar. Fil-fatt it-talbiet tac-citazzjoni kienu:*

> *"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt ta' twaqqif tas-socjeta Merger Enterpises Limited fuq indikat bejn il-konvenuti Reno Grech u Anthony Grech huwa simulat u sar b'qerq u bi hsara tal-jeddijiet tal-attrici fil-komunjoni tal-akkwisti, bl-intenzjoni li din tigi defrawdata mid-drittijiet taghha.*
>
> *"2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ishma registrati fuq isem Anthony Grech kienu u ghadhom fir-realta' tal-konvenut l-iehor Reno Grech, u konsegwentement jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-attrici u l-istess konvenut Reno Grech.*
>
> *"3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-qorti jaghmlu l-proceduri kollha mehtiega ghat-trasferiment tal-ishma fuq isem l-istess konvenut Reno Grech u martu l-attrici u konsegwentement jirregistraw l-istess ishma ai termini tal-ligi.*
>
> *"4. Tinnomina kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fil-proceduri kollha mehtiega ghat-trasferiment tal-ishma kif fuq inghad, u occorrendo biex jirregistra l-istess ishma skond kif din il-Qorti tiddetermina.".*

*"Sahansitra fl-affidavit tal-attrici, prezentat fl-imsemmija kawza, qalet:*

> *"11. Jiena ghandi interess li dak li sar fiz-zwieg u ghalhekk hu tal-komunjoni tal-akkwisti bejni u zewgi jidher ukoll ufficcjalment li hu hekk. Ghalhekk kelli naghmel din il-kawza." (fol. 265).*

*"3. Minn qari tas-sentenza tas-26 ta' Gunju 1998 (fol. 7) hu evidenti li l-qorti sabet favur it-tezi tas-simulazzjoni ghaliex l-maggoranza tal-ishma gew registrati f'isem Anthony Grech meta fir-realta' kienu tal-konjugi Grech. Tant l-ilment tal-attrici kien li l-ishma maggoritarji kienu registrati f'isem Anthony Grech li pprezentat f'dik il-kawza, qalet:*

> *"Zewgi kien fix-xoghol tan-negozju bhala self employed, jimporta diversi affarijiet. Minn kemm ilna mizzewwgin kiber hafna u akkumula kapital rilevanti. Xtara wkoll proprjeta immobbli.* ***Jien kont naf li zewgi jinnegozja b'kumpannija li kien waqqaf fl-1984. Kont naf ukoll li kien imdahhal mieghu huh Anthony Grech, pero zewgi dejjem qalli li huh kellu biss share wiehed nominali minhabba li fil-ligi bilfors ried ikollok zewg shareholders. Jiena dil-kumpannija qatt ma nteressajt ruhi nara l-istatut***

> ***taghha u dejjem qghadt fuq li kien qalli zewghi.**”*
> *(enfazi mizjuda, fol. 263).*

*“Fl-istess affidavit kompliet tghid li kien “…. **ghall-habta tas-sajf ta’ l-1994 kont hadt interess** peress li l-problemi ta’ bejnietna kienu regghu kibru u kont gibt kopja ta’ l-istatut tal-kumpannija minghajr ma kont ghidtlu. Kien hawnhekk li ntbaht ghall-ewwel darba li zewgi kien dahak bija u li l-kumpannija kienet ufficjalment tghajjat l-aktar lil huh Anthony u mhux kif kien ighidli zewgi.” (enfazi mizjuda, fol. 263).*

*“Sahansitra fil-kawza odjerna, in kontro-ezami, l-attrici xehedet:*

> *“Nghid li fis-sena 1984, precizament f’Awissu nfethet l-ewwel kawza ta’ separazzjoni bejni u bejn zewgi. **Sirt naf bl-ezistenza ta’ Merger Enterprises Limited f’Settembru ta’ l-istess sena, wara r-rikonciljazzjoni ta’ bejnietna u l-Avukat ta’ dak iz-zmien kien infurmani li kienet giet iffurmata kumpannija bejn zewgi u Emanuel Grech**, liema kumpannija skond l-Avukat tieghi ta’ dak iz-zmien kienet giet iffurmata bil-ghan illi jekk nerga’ niftah il-kawza ta’ separazzjoni, jien ma jkolli dritt ghal xejn. Dak iz-zmien kont ghadni hierga mill-ewwel trawma ta’ separazzjoni u ma tantx tajtha weight din il-kwistjoni peress illi zewghi kien weghdni li ser jinbidel.” (enfazi mizjud, fol. 232).*

*“Dan juri car u tond li l-attrici kienet sa mill-bidunett taf x’kien ghamel zewgha. Negozju li hi stess, fl-istess deposizzjoni, qalet li kienet tghin lil zewgha fih (fol. 232). Filwaqt li l-qorti tapprezza li m’huwiex facli ghal min isib ruhu f’sitwazzjoni simili ghal dik tal-attrici, fejn qieghed irabbi t-tfal u jrid jiffacca ragel dominanti u vjolenti, kien fl-interess taghha li minnufih tiehu passi biex tipprotegi d-drittijiet taghha. Fil-fehma tal-qorti dawn il-brani minn xhieda li tat l-attrici f’din il-kawza u fil-kawza 974/95, huma prova li meta saret taf bil-kumpannija ma kellhiex oggezzjoni li zewgha jopera n-negozju permezz ta’ kumpannija. Anzi l-qorti tikkonkludi li l-attrici, bl-atteggjament taghha kienet tacitament approvat l-operat ta’ zewgha fis-sens li jopera n-negozju b’kumpannija. Jidher li din il-kumpannija kienet is-sors ghall-ghixien tal-familja Grech. L-oggezzjoni tal-attrici kienet saret, gustament, meta skopriet li f’isem zewgha kien hemm biss sehem wiehed. Fil-fatt f’ittra legali datata 22 ta’ Novembru 1994 (fol. 228) interpellat lil zewgha u Anthony Grech sabiex l-ishma f’isem Anthony Grech jigu registrati f’isem Reno Grech. Kien f’dak il-mument li l-attrici ccaqalqet. F’dan ix-xenarju m’ghandux ikun li l-attrici tibbaza t-talba ghad-danni fuq ‘il fatt li giet registrata l-kumpannija Merger Enterprises Limited’. Din il-kumpannija, kif wara kollox osservat il-qorti f’provvediment li nghata fis-27 ta’ April 2001 fil-kawza ta’ separazzjoni[1], kienet il-mezz ta’ ghixien tal-familja Grech. M’ghandux ikun li persuna l-ewwel taddotta atteggjament u wara, ghaliex l-affarijiet marru hazin,*

[1] Ċitazzjoni numru: 271/96.

*tibdel it-triq u tibda ssostni li l-holqien tal-kumpannija ppregudika d-drittijiet patrimonjali taghha*[2]*. Id-djun fil-kumpannija ma kienux tort ta' Anthony Grech, li kif rajna ma kellu l-ebda partecipazzjoni fit-tmexxija tal-kumpannija. Konkluzjoni li waslet ghaliha l-qorti fil-kawza 974/95 (ara pagna 7 tas-sentenza). Il-qorti kkonkludiet:*

> *"Il-Qorti hi tal-fehma li giet pruvata li hawn ghandna kaz ta' simulazzjoni relattiva fejn il-konvenuti realment riedu li l-kumpannija tkun ta' Reno Grech u l-ishma kollha hlief wiehed kellhom ikunu tieghu,* ***izda biex jevadu d-drittiijet ta' l-attrici fl-istatut meta kkostitwew il-kumpannija huma nizzlu l-kuntrarju****." (enfazi mizjuda, fol. 13-14).*

*"Ghalhekk skond il-qorti l-qerq kien fir-rigward ta' f'isem min gew registrati l-ishma u mhux ghal fatt li giet registrata kumpannija. Hu evidenti li Reno Grech kien inqeda b'isem huh fit-tentattiv biex martu ma tiehu l-ebda beneficcju mill-kumpannija Merger Enterprises Limited, u dan billi rregistra l-maggoranza tal-ishma f'isem Anthony Grech.*

*"Il-kwistjoni dwar is-simulazzjoni u l-qerq fit-twaqqif tal-kumpannija Merger Enterprises Limited giet determinata fis-sentenza tas-26 ta' Gunju 1998. L-attrici ma kenitx ghazlet it-triq biex jithassar il-kuntratt ta' twaqqif tal-kumpannija, imma sabiex tigi riflessa l-verita', cjoe' li 499 sehem f'isem Anthony Grech kienu proprjeta' taghhom. Bl-istess mod ma ghamlet xejn sabiex il-fond li zewgha kien ittrasferixxa lill-kumpannija*[3]*, jerga' jigi trasferit f'isimhom. Fis-sentenza l-qorti tat rimedju billi ordnat li l-ishma jigu trasferiti f'isem Reno Grech u l-attrici. Hu evidenti li ghal dak li jikkoncerna l-ishma, l-attrici ma jirrizultax li sofriet xi danni gialadarba nghatat rimedju mill-qorti li nofs l-ishma jigu registrati f'isimha.*

*"4. L-attrici tilmenta li l-kumpannija "[….] giet amministrata b'qerq jew ta' lanqas bi traskuragni kbira, u f'kull kaz ma kienitx amministrata in buona fede fl-interess ta' l-istess socjeta, b'mod li ghamlet dejn u telf kbir." (ara citazzjoni). Il-qorti tosserva li:-*

*"(a) fil-konfront tal-konvenut Anthony Grech dan l-ilment ma jistax iregi gialadarba hu kien semplici prestanome ta' 499 sehem u xejn iktar, u fir-realta' l-kumpannija kien imexxiha Reno Grech. Mill-provi rrizulta kif ma kellu l-ebda awtorita' u n-negozju kien jiggestih Reno Grech. M'hemmx prova li Anthony Grech ghamel dejn. Fl-affidavit l-attrici qalet li l-konvenuti "amministraw l-istess kumpannija b'qerq fil-konfront tieghi u b'tali mod illi l-komunjoni tal-akkwisti giet illi hija mifnija b'dejn kbir." (fol. 176). Il-konkluzjoni tal-qorti hi li fil-konfront ta' Anthony Grech din*

---

[2] Mill-process jidher li kien f'Awissu 2000, igifieri erbatax-il sena wara li giet registrata l-kumpannija, li l-attrici nterpellat lil Anthony Grech biex jaghmel tajjeb ghad-dejn tal-kumpannija.
[3] Fic-citazzjoni 974/95 ippremettiet *"l-konvenut Reno Grech anke ttrasferixxa lill-kumpannija, proprjeta immobbli tal-komunjoni."* (fol. 8).

*baqghet biss allegazzjoni u xejn iktar. Ghaldaqstant, Anthony Grech ma jistax jinzamm responsabbli ghal xi danni li setghet sofriet l-attrici minhabba l-mod kif zewgha mexxa l-kumpannija. L-attrici kienet taf bl-ezistenza ta' din il-kumpannija. Kien biss meta saret taf li l-maggoranza tal-ishma kienu registrati f'isem Anthony Grech li hi oggezzjonat tant li pproponiet il-kawza 974/95 fl-ismijiet* ***Mary Grech vs Reno Grech et****, sabiex 499 sehem ma jibqax registrat f'isem Anthony Grech.*

*"(b) Ghal dak li jikkoncerna t-tmexxija tal-kumpannija min-naha ta' Reno Grech, l-aqwa prova li ressqet l-attrici hi d-decizjoni ta' din il-qorti*[4] *tas-27 ta' April 2001 (fol. 238) fejn il-qorti rrimarkat dwar in-nuqqas ta' interess li wera zewgha fit-tmexxija tan-negozju tal-kumpannija. Il-qorti qalet: "Bhala fatt pero jirrizulta illi n-negozju li minnu kienet tghix din il-familja* ***gie totalment ittraskurat u li l-istess konvenut ma wera ebda hajra partikolari biex jindika li kien sejjer jipprova jirravvivah****. Normalment negozjant biezel aktar jistinka meta s-suq ikun hazin biex ikun jista' jzomm l-istess livell ta' ghixien u negozju li kellu meta s-suq kien tajjeb." (enfazi mizjuda, fol. 241). Fil-fehma tal-qorti dan il-bran hu fih innifsu prova li l-kumpannija tmexxiet b'mod negligenti. Dan ovvjament ghad-detriment tal-attrici, meta tqies:*

*"- li l-ishma kienu parti mill-gid tal-komunjoni tal-akkwisti;*
*"- zewgha kien ittrasferixxa immobbli fil-kumpannija;*
*"- l-attrici hi personalment garanti ghad-dejn li l-kumpannija ghandha mal-Bank of Valletta plc.*

*"Rilevanti wkoll hi d-deposizzjoni tal-avukat Dr Godfrey Gauci Maistre li kien akkumpanja lill-attrici meta hadet f'idejha l-hanut Rodac International, cjoe' l-fond li qabel kien jismu Elia, Cannon Road, Qormi (fol. 225), fejn qal li meta dahlu fil-fond kien "….. traskurat, qiesu ilu ma jintuza, billi kien hemm trab u kaxex vojta ma' kullimkien.". Il-qorti fehemet li Reno Grech halla n-negozju fi stat ta' abbandun. Ix-xhud zied ighid: "Il-hanut kien ghadu armat bhala hanut, bil-vetrini, bl-ufficcju u b'hafna merkanzija, nikkalkula, ghad-daqqa t'ghajn, minn nofs sa terz tal-merkanzija li normalment kien ikun hemm fih.". Xenarju li juri l-istat ta' abbandun li fih Reno Grech halla n-negozju tal-kumpannija.*

*"Hu minnu li bid-digriet tas-27 ta' April 2001 l-attrici, fuq talba taghha, inghatat t-tmexxija tal-komunjoni tal-akkwisti u tan-negozju tal-kumpannija. Sahansitra giet ukoll registrata bhala l-uniku direttur tal-kumpannija (fol. 122). Pero' jidher li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija kienet diga' prekarja. Sahansitra, jidher li anke l-istokk tal-kumpannija ha*[5]*. Fil-fatt jirrizulta li l-Bank of Valletta plc li kien ta, b'kuntratti tal-31 ta' Mejju 1990 u 5 ta' Lulju 1994, lil Merger Enterprises Limited facilita' ta' overdraft, kien diga' beda proceduri biex jithallas lura*

[4] Imhallef N. Arrigo.
[5] Jirrizulta li l-perit legali nkludiet l-istokk bhala danni. Pero' dak l-istokk huwa tal-kumpannija u mhux tal-attrici. Din il-kawza m'hijiex id-*derivative action*, kontemplata taht il-ligi tal-kumpanniji. L-istess japplika fir-rigward tad-djun tal-kumpannija li l-perit legali nkludiet fil-likwidazzjoni tad-danni.

*l-flus li kien avvanza lill-kumpannija (ara sentenza fil-kawza 620/2001 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Merger Enterprises Limited et** a fol. 217).*

*"(ċ) f'dan l-ilment l-attrici nkludiet li "… f'kull kaz [il-kumpannija] ma kienitx amministrata in buona fede fl-interess ta' l-istess socjeta…..". Billi l-qorti diga' osservat li l-kawza m'hijiex id-derivative action, allura xi hsara sofriet il-kumpannija ma jistax jigi nvestigat f'din il-kawza.*

*"5. L-ilment l-iehor tal-attrici hu li "…. Merger Enterprises Limited kienet hadet fuqha negozju u akkwistat immobbli li kienu tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-esponenti u l-konvenut Reno Grech, b'mod li l-esponenti giet svestita minn kull kontroll fuq in-negozju u l-immobbli msemmija." (ara citazzjoni). Il-qorti tosserva:*

*"(a) Mill-provi ma rrizultax x'negozju kellu Reno Grech qabel ma giet registrata l-kumpannija Merger Enterprises Limited, ghalkemm l-indikazzjoni hu li meta twaqqfet il-kumpannija kien diga' fin-negozju;*

*"(b) F'kull kaz l-attrici ma tistax tilmenta li Reno Grech kellu negozju u wara beda jezercitah bl-imsemmija kumpannija. Kif inghad hawn fuq l-attrici kienet taf li zewgha waqqaf kumpannija u beda jinnegozja biha. Ma kellha l-ebda problema dwar dan. Kien biss meta skopriet li l-maggoranza tal-ishma f'isem Anthony Grech li pproponiet kawza sabiex jigi ddikjarat li ma kienux proprjeta tieghu.*

*"(ċ) Ghal dak li jikkoncerna l-immobbli fl-atti m'hemmx prova li Anthony Grech kien komplici f'xi trasferiment. Fil-fatt irrizulta wkoll li sal-1986 Anthony Grech kien jahdem barra minn Malta (ara fol. 11[6]).*

*"(d) Mill-provi rrizulta li l-uniku rwol li kellu Anthony Grech kien ta' prestanome ta' 499 sehem fil-kumpannija. F'kull kaz kif kienet il-ligi fiz-zmien li giet registrata l-kumpannija (1984), ma kien hemm xejn milli jzomm lir-ragel milli jirregistra kumpannija fis-sens li ma kellux bzonn il-kunsens ta' martu. L-istess kien japplika ghat-trasferiment ta' immobbli li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk irrispettivament kienx hemm il-partecipazzjoni ta' Anthony Grech, ma kien hemm xejn milli jzomm lil Reno Grech milli jwaqqaf kumpannija. Ovvjament hu ghazel it-triq li wasslet ghall-kawza 974/95 bit-tama, ghal kollox fqira u dghajfa, li martu ma jkollix drittijiet fuq il-gid li jsir fin-negozju.*

*"(e) L-immobbli li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u gie trasferit lil Merger Enterprises Limited kien il-fond **52 (illum 114), Triq Felice, Zabbar** – Reno Grech kien ittrasferixxa d-dar f'isem il-kumpannija Merger Enterprises Limited fis-sena 1985. Mill-provi ma*

[6] Fis-sentenza 974/95 jinghad li Anthony Grech xehed li *"Meta giet ffurmata l-kumpannija hu kien imsiefer u ma setax jiehu hsieb il-kumpannija. Sal-1986 kien ghadu barra minn Malta."*.

*rrizultax x'kienet ir-raguni li ttrasferixxa dan il-fond lill-kumpannija*[7]*. M'hemmx provi li kien jintuza ghan-negozju, izda jidher li ghal xi zmien kien id-dar matrimonjali tal-konjugi Grech. Eventwalment jirrizulta li l-kumpannija Merger Enterprises Limited tat il-fond b'garanzija lil Bank of Valletta plc ghall-overdraft li kienet inghatat fil-31 ta' Mejju 1990 u 5 ta' Lulju 1994*

*"Dwar il-garaxx* ***Elia, Canon Road, Qormi****, dan inxtara minn Reno Grech b'kuntratt tat-13 ta' Jannar 1990. Fil-25 ta' Mejju 1990 sar att korrettorju fejn gie ddikjarat li l-fond kien effettivament inxtara minn Merger Enterprises Limited*[8]*. Jirrizulta li dan kien fond minn fejn jigi gestit in-negozju tal-kumpannija. L-attrici m'hijiex timpunja l-validita' tal-att korrettorju u l-qorti tasal biex tghid li l-fond inxtara proprju ghall-kumpannija, mill-introjtu taghha. Sahansitra fl-istess zmien kien ukoll inghata bhala garanzija ghall-facilita bankarja li Merger Enterprises Limited inghatat mill-Bank of Valletta plc fil-31 ta' Mejju 1990 fis-somma ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000). Fir-rigward ta' dan il-fond l-attrici xehedet (ara affidavit) li nxtara fi zmien meta ma kenitx taf li tezisti l-kumpannija. Dan ma jistax ikun gialadarba mill-provi rrizulta li l-attrici kienet ilha taf bil-kumpannija sa mis-sena li giet registrata.*

*"Ghalhekk il-qorti tikkonkludi li l-immobbli li fir-realta' kien tal-komunjoni tal-akkwisti u gie trasferit lil Merger Enterprises Limited kien il-fond 114, Triq Felice, Zabbar. Mis-sentenza li nghatat mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fis-27 ta' Ottubru 2011 jirrizulta li dan il-fond ghandu valur ta'* ***€83,857.*** *Fil-fehma tal-qorti bl-agir ta' Reno Grech li ttrasferixxa dan il-fond fil-kumpannija minghajr ma nghatat l-ebda gustifikazzjoni ghalfejn ghamel hekk*[9] *u abbinat mal-mod negligenti li mexxa l-kumpannija, ippregudika lill-attrici li originarjament kellha sehem fil-proprjeta. Ghalkemm il-ligi kif kienet fiz-zmien li sehh it-trasferiment kienet taghti awtorita' lir-ragel li jittrasferixxi immobbli tal-komunjoni b'titolu oneruz, b'daqshekk ma jfissirx li ma kellux obbligu li jagixxi bhala bonus paterfamilias.*

*"Illum il-gurnata hu evidenti li l-qaghda finanzjarja tal-kumpannija hi ferm prekarja. Bizzejjed jinghad li skond rendikont tal-Bank of Valletta plc sal-31 ta' Dicembru 2010 (fol. 196) Merger Enterprises Ltd hi debitrici tal-bank fis-somma ta'* ***€241,886****. Jekk wiehed irid ikun ottimist, meqjus il-valur tal-immobbli fuq imsemmija, wiehed jista' jkun li l-proprjeta'*[10] *ser*

[7] Reno Grech ma xehedx u lanqas ma ressaq provi.
[8] Fis-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza tal-firda tal-konjugi Grech (**Mary Grech proprio et nomine v. Reno Grech**, 2714/1996/1) tal-25 ta' Ottubru 2013, jissemma l-fond Rodac, Hal-Qormi. Il-qorti qeghda tifhem li dan il-fond huwa fil-fatt il-garaxx Elia, Canon Road, Sta Venera li jissemma fir-ricerki tal-akkwist u trasferimenti tal-kumpanija Merger Enterprises Limited. Konkluzjoni li qeghda tasal ghaliha mis-sentenza **Merger Enterprises Ltd v. Ivan Azzopardi** deciza minn din il-Qorti (Imhallef T. Mallia) fis-16 ta' Gunju 2006 (fol. 116).
[9] Hu veru li qabel dahlu fis-sehh l-emendi tal-1993 fil-ligi tal-familja, ir-ragel kellu l-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u s-setgha li jittrasferixxi immobbli minghajr il-htiega tal-kunsens tal-mara, pero' b'daqshekk ma jfissirx li ma kellux id-dmir li jagixxi b'mod diligenti u bhala *bonus pater familias*.
[10] Li tinkludi l-fond "*Elia*"

*isservi biex jithallas, jekk mhux id-dejn kollu tal-bank, il-parti l-kbira tieghu*[11]*. Pero m'hemmx certezza.*

*"6. Ghalhekk ghal dawk li huma danni li jrid jaghmel tajjeb ghalihom l-attur [recte: il-konvenut] hemm:*
*"(a) €41,928.50 li huwa nofs il-valur tal-fond 114, Triq Felice, Zabbar;*
*"(b) Dik il-parti mid-€69,881 garanzija personali li l-attrici qeghda taghti lil Bank of Valletta plc fl-eventwalita' li jkollha taghmel tajjeb ghal xi parti minnha mill-gid personali taghha. F'dan l-istadju dan ghadu m'huwiex maghruf peress li hemm proprjeta tal-kumpannija li ghad trid tinbiegh. Ma' dan ghandu jkun hemm l-imghax sal-gurnata li l-attrici hadet f'idejha t-tmexxija tan-negozju ta' Merger Enterprises Limited (27 ta' April 2001).*

*"Dwar it-telf fil-valur tal-ishma tal-attrici minhabba l-mod negligenti li bih Reno Grech amministra l-kumpannija, m'hemmx provi u ghalhekk il-qorti ma tistax tillikwida danni.*";

4. Bir-Rikors tal-Appell imressaq minnha fl-10 ta' April, 2014, l-appellanti qalet li kienet tħossha aggravata bis-sentenza appellata u, wara li semmiet l-aggravji tagħha, talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn laqgħet it-talbiet tagħha fil-konfront tal-intimat Reno Grech, iżda tħassarha għall-bqija, u b'hekk tilqa' t-talbiet kollha tagħha wkoll fil-konfront tal-bqija tal-intimati w tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, ukoll billi tillikwida d-danni mġarrba minnha. Talbet ukoll biex l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellati;

5. Bit-Tweġiba tal-Appell imressqa minnhom fil-15 ta' Novembru, 2019, l-intimati li f'isimhom ġie trasfuż il-ġudizzju flok Anthony Grech

[11] B'riferenza ghad-dejn li l-attrici tghid li hemm mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, hi llimitat ruhha biex tipprezenta rendikont minn fejn jidher li hemm ammonti ta' taxxa bazati fuq stima u jirreferu ghall-perjodi meta l-kumpanija ma kenitx qeghda topera.

(minn issa ’l hemm imsejħa “l-appellati”), laqgħu għall-imsemmi appell billi qalu li l-appell huwa proċeduralment vizzjat billi l-appellanti naqset li tispeċifika biċ-ċar fejn ma qablitx mas-sentenza appellata. Fil-mertu, qalu li l-appellanti ma ikkontrastatx il-konklużjoni tal-ewwel Qorti meta ċaħdet l-ewwel talba attriċi. Għall-bqija, jistrieħu fuq is-sottomissjonijiet li qajmu quddiem l-ewwel Qorti;

6. B’degriet tal-5 ta’ Lulju, 2013, il-Qorti ordnat t-trasfużjoni tal-ġudizzju f’isem Charlotte Grech, Maria Grech Muscat u Analise Grech Muscat, bħala werrieta Emanuel Grech, u b’degriet tad-19 ta’ Novembru, 2019, l-atti ġew trasfużi f’isem Carmel *sive* Charles Grech, Maria Grech u Analise Grech stante li fil-mori tal-Appell mietu l-istess Maria Conċetta u Joseph konjugi Grech u Emanuel sive Lino Grech;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tat-28 ta’ Jannar, 2020, u kif ukoll id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-6 ta’ Lulju, 2020, li ma kellhomx sottomissjonijiet oħrajn x’iressqu lill-Qorti u li din il-Qorti kif rikomposta setgħet tgħaddi għall-għoti tas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat id-degriet tagħha tas-6 ta’ Lulju, 2020, li bih ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

10. Illi l-azzjoni attriċi hija l-azzjoni Pawljana u tirrigwarda pretensjoni ta' ħlas għal danni mġarrba. L-ewwel Qorti, filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet imressqa mill-appellati, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Reno Grech, ċaħdet l-ewwel talba attriċi, iżda laqgħet it-talbiet attriċi l-oħra. L-appellanti ħassitha aggravata mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti u ressqet minnha dan l-appell;

11. Illi l-**aggravji tal-appellanti** mis-sentenza appellata huma tlieta, li (a) l-ewwel Qorti żbaljat meta ħelset lill-appellati mill-ħarsien tal-ġudizzju billi, fi kliem l-ewwel Qorti, ma kien hemm xejn x'jiġi sanzjonat fl-aġir tal-awtur tagħhom Anthony Grech; (b) l-ewwel Qorti warrbet għal kollox il-*consilium faudis* bejn Anthony Grech u ħuh Reno li rriżulta ċar mhux biss bil-formazzjoni tal-kumpanija Merger Enterprises Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "il-kumpanija"), iżda wkoll fl-imġiba sussegwenti ta' Anthony Grech; u (ċ) l-ewwel Qorti naqset meta qieset li fis-27 ta' April, 2001, l-appellanti ħadet f'idejha t-tmexxija tal-kumpanija w illimitat il-likwidazzjoni tal-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata sa din id-data;

12. Illi qabel ma tqis l-aggravji tal-appellanta, il-Qorti jidhrilha xieraq li qabel xejn tqis il-preġudizzjali ta' natura proċedurali mqajma mill-

appellati. Fi kliemhom, l-appell huwa proċeduralment vizzjat billi l-appellanti ma appellatx miċ-ċaħda tal-ewwel talba. Minflok talbet konferma fil-parti tas-sentenza meta l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront ta' Reno Grech;

13. Illi l-Qorti ma taqbilx ma' din id-difiża u ma tqishiex mistħoqqa. Huwa minnu li l-appellanti setgħet fasslet it-talbiet tagħha b'aktar preċiżjoni, iżda qari sewwa tar-Rikors tagħha tal-Appell ma jmissu jħalli ebda dubju li l-appellanti qiegħda titlob il-konferma tal-parti tas-sentenza appellata fejn instabet ħtija fl-imħarrek Reno Grech u qiegħda titlob ukoll it-tħassir tal-bqija tas-sentenza appellata safejn ħelset minn kull responsabbilta` lill-imħarrek l-ieħor Anthony Grech (li, wara mewtu tul iż-żmien li l-kawża kienet miexja, daħlu wliedu jirrappreżentawh fl-atti), inkluż għaldaqstant il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel talba attriċi;

14. Illi l-appellati ma ressqu l-ebda raġuni tajba għaliex din il-Qorti jmissha tifhem mod ieħor dak li l-appellanti qiegħda titlobha f'din l-istanza. Għaldaqstant din id-difiża qiegħda tiġi miċħuda;

15. Illi **dwar l-ewwel aggravju**, l-appellanti tgħid li l-appellati ma setgħux jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex l-awtur tagħhom, Anthony Grech, kien jaf li l-kumpanija twaqqfet b'qerq u bi frodi tal-

jeddijiet tagħha, kif ukoll ħalla lil ħuh Reno Grech (żewġ l-istess appellanti), bħala direttur tal-kumpanija, jiddejjen b'assi li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti w għaldaqstant ħallih idgħajjef il-ġid tal-komunjoni li minnu hija għandha sehem;

16. Illi fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju tal-appellanti jista' jinqasam fi tnejn: l-ewwel parti (i) tirrigwarda ż-żmien tal-formazzjoni tal-kumpanija Merger Enterprises Ltd u s-sehem li Anthony Grech kellu fil-formazzjoni tagħha; filwaqt li t-tieni parti (ii) tolqot it-tmexxija ħażina tal-kumpanija min-naħa tal-aħwa Grech. Filwaqt li l-ewwel parti tal-ilment huwa l-mertu tal-ewwel talba attriċi li ġiet miċħuda, it-tieni parti huwa l-mertu tat-tieni talba attriċi li ntlaqgħet biss fil-konfront ta' Reno Grech;

17. Illi dwar l-ewwel parti, il-Qorti tibda biex tgħid li n-natura ta' azzjoni hija determinata mill-indoli tagħha. Dawn joħorġu mit-tfassila tal-att promotur li bis-saħħa tiegħu tinfetaħ il-kawża. Qari xieraq tar-Rikors Maħluf ma jħalli l-ebda dubju li l-ewwel talba hija marbuta mal-mod kif ġiet reġistrata l-kumpanija mill-aħwa Grech. L-attriċi tixlihom b'għan u b'aġir dannuż għall-interessi tagħha;

18. Illi kif tajjeb qieset l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-ilment tal-appellanta huwa mertu li ġie deċiż b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

fis-26 ta' Ġunju, 1998, f'kawża bejn l-istess partijiet[12], u għall-għemil dannuż tal-aħwa Grech, l-appellanta ngħatat rimedju billi l-Qorti ordnat li l-ishma jiġu trasferiti minn fuq isem Anthony Grech għal fuq isem Reno Grech u l-appellanti. Għaldaqstant l-ewwel talba attriċi ma ntlaqgħetx fuq is-saħħa tal-ġudikat li kien inħalaq b'dik is-sentenza;

19. Illi din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, tqis li l-aġir ta' Anthony Grech f'dak li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni tal-kumpanija m'għandux jiġi mistħarreġ mill-ġdid bla ma jseħħ ksur tar-regola li l-ġudikat jorbot u ma jmissux ikun suġġett ta' stħarriġ mill-ġdid, aktar u aktar meta dak il-ġudikat jorbot ukoll lill-istess appellanti. Għaldaqstant, din l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appellanti mhux mistħoqq;

20. Illi dwar it-tieni parti tal-ewwel aggravju, l-attriċi tilmenta mill-mod kif l-ewwel Qorti waslet biex ħelset lil Anthony Grech minn kull ħtija f'dak li kellu x'jaqsam mat-tmexxija ħażina tal-kumpanija. L-argumenti li l-appellanta tressaq huma kollha marbuta mal-mod kif Anthony Grech ħalla lil ħuh imexxi l-kumpanija, meta l-biċċa l-kbira tal-ishma kienu għadhom jgħajtu lilu. Fi ftit kliem, l-appellanti tixli lil ħu żewġha, Anthony Grech, b'kompliċita` fit-tmexxija tal-kumpanija, u tgħid li l-ewwel Qorti naqset

[12] P.A. GV tas-26.06.1998, fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Grech v. Reno Grech u Anthony Grech***, minn liema sentenza sar appell li waqa' deżert b'degriet tat-22 ta' Novembru, 2000. Ara paġġ. 7 sa 18 tal-proċess. F'dik il-kawża, l-appellanti xliet lill-aħwa Grech b'aġir dannuż. Il-Qorti sabet li minkejja li Reno Grech kellu sehem wieħed biss fil-kumpanija, il-kumpanija kienet tabilħaqq immexxija minnu. Qieset li l-ftehim tal-kostituzzjoni tal-kumpanija kien simulat u sar b'qerq bi ħsara tal-jeddijiet tal-appellanti fil-komunjoni tal-akkwisti

meta injorat dawn il-fatti minkejja li qisitu bħala '*prestanome*' tal-erba' mija u disgħa u disgħin (499) sehem fil-kumpanija;

21. Illi l-Qorti tibda biex tindirizza l-kwestjoni tal-'*prestanome*' li l-appellanti jidher li qiegħda tagħtiha siwi ewlieni fir-Rikors tal-Appell taħt dan l-aggravju. Taħt il-liġi ċivili, il-figura ta' *prestanome* hija marbuta ma' persuna li taħtar lil ħaddieħor biex jidher għaliha, dak li nsejħulu l-mandant. L-ewwel Qorti tqis lil Anthony Grech bħala '*prestanome*' jew mandatarju ta' ħuh, Reno Grech, fir-reġistrazzjoni tal-ishma fuq ismu;

22. Illi d-duttrina ilha tqis il-'*prestanome*' bħala mandatarju u ħaġa waħda, l-iżjed fir-relazzjonijiet bejnu u l-mandant[13]. Kemm hu hekk, huwa biss f'għajnejn it-terzi persuni li din ir-rappreżentanza ma tidhirx (billi l-mandatarju ma jiddikjarax li qiegħed jidher f'isem il-mandant tiegħu) u għalhekk tissejjaħ rappreżentanza indiretta;

23. Illi l-liġi tagħna tagħraf u tagħti saħħa lil dik iċ-ċirkostanza fejn, minkejja dak li jipprovdi l-artikolu 999(1) tal-Kodiċi Ċivili – u għaliex jipprevalu r-regoli speċjali tal-kuntratt tal-mandat u aktar u aktar dawk dwar obbligazzjonijiet fiduċjarji – persuna tidher fuq att pubbliku u tikseb ġid taħt isimha imma fl-interess ta' min ikun ħatarha tagħmel hekk[14];

---

[13] Baudry-Lacantinerie & Wahl _Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile_ (Vol: XXIV, § 890, f'paġ. 486)

[14] App. Ċiv. **2.5.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamo noe v. Sant Fournier noe*** (Kollez. Vol: **XLI.i.298**)

24. Illi huwa stabilit li, biex jingħata mandat bħal dan, m'hemmx għalfejn li jkun bil-miktub u l-liġi speċjali li tħares dan il-kuntratt dan tgħidu ċar, b'mod li lanqas ma hija meħtieġa l-kitba biex persuna taħtar lil persuna oħra biex tikseb ġid immobbli f'isimha[15]. Jeħtieġ, madankollu, li l-mandat ikun wieħed espress u mhux biss impliċitu[16]. Ladarba ma jkunx hemm il-kitba f'ħatra bħal dik, jaqa' fuq min jallega l-mandat il-piż li jippruvah kif imiss, u din il-prova trid tkun tajba biżżejjed biex toqgħod għall-vot tal-grad probatorju mistenni f'kawża ta' xejra ċivili[17];

25. Illi hemm il-fehma li mhux kull att ta' trasferiment li jkun qiegħed juri ħaġa iżda li jkun qiegħed ifisser ħaġ'oħra jmissu jitqies bħala att simulat. Minbarra dan, mhux kull att simulat jitqies bħala att null, sakemm ma jkunx sar b'qerq għal dak li trid il-liġi[18]. B'sentenza tas-26 ta' Ġunju, 1998 – f'kawża li l-appellanti kienet fetħet kontra żewġha u ħuh (Ċit. 974/95GV) – il-Qorti kienet sabet li r-raġuni wara l-qasma b'dak il-mod tal-ishma tal-kumpanija bejn l-aħwa Grech hija raġuni li hija kontra l-liġi u kien joqrob ħafna għal ftehim milqut minn simulazzjoni relattiva;

---

[15] App. Ċiv. **24.4.1931** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et v. Gauċi noe*** (Kollez. Vol: **XXVIII.i.60**); u P.A. **11.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Rizzo Bamber noe et v. Rizzo noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.430)**

[16] App. Ċiv. **29.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Pisani v. Grazio Mizzi et***

[17] App. Ċiv. **26.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Rosario Aġius et v. Carmelo Aġius et***

[18] Ara, f'dan ir-rigward, P.A. GCD **18.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Judith Lucchesi noe v. Rita Sultana et*** (konfermata fl-Appell **3.12.2004**)

26. Illi fil-fehma tal-Qorti, wara li mill-fatti ħareġ b'mod ċar li t-tmexxija tal-kumpanija kienet f'idejn Reno Grech, l-ewwel Qorti ma kinitx żbaljata meta sabet ħtija f'Reno Grech għax-xiljiet attriċi w qieset lill-Anthony Grech bħala sempliċiment '*prestanome*' ta 499 sehem u xejn aktar;

27. Illi mill-aspett ta' apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti, ingħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[19];

28. Illi, minkejja dan, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss*

---

[19] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius v. Piju Theuma***

*ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[20];

29. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-aggravju tal-appellanti. Is-sentenza appellata ma sabitx ħtija f'Anthony Grech għaliex mill-provi ma rriżultax l-involviment tiegħu fid-deċiżjonijiet meħuda waqt it-tmexxija tal-kumpanija wara l-formazzjoni tagħha, inkluż għaldaqstant id-djun li l-kumpanija daħlet fihom. Lanqas ma rriżulta li kien imdaħħal fit-trasferiment tal-fond ġewwa Ħaż-Żabbar fil-kumpanija, għaliex mill-provi ħareġ li f'dawk iż-żminijiet Anthony Grech kien saħansitra jaħdem barra minn Malta. L-ewwel Qorti qieset ukoll il-fatt li, kif kienet il-liġi fis-sena 1984, ma kienx meħtieġ il-kunsens tal-appellanti biex jgħodd it-trasferiment ta' proprjeta` immobbli li tkun tagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dak ir-raġunament u lanqas ingħatat xi raġuni tajba min-naħa tal-appellanti biex iwassalha titbiegħed minn dak l-apprezzament tal-ewwel Qorti;

30. Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li t-tieni parti tal-ewwel aggravju wkoll m'għandhiex tintlaqa';

---

[20] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***

31. Illi bi**t-tieni aggravju**, l-appellanti tistqarr li l-ewwel Qorti warrbet għal kollox il-*consilium fraudis* bejn Anthony u Reno Grech li rriżulta ċar kemm bil-formazzjoni tal-kumpanija u kif ukoll fl-imġiba ta' Anthony Grech fiż-żmien ta' wara li ġie lura f'Malta. L-appellanti tgħid li l-intenzjoni f'Anthony Grech li jassisti lil ħuh biex iqarraq bl-appellanti huwa element b'saħħtu biżżejjed li jagħmlu responsabbli *in solidum* ma' Reno Grech għall-aġir dannuż fil-konfront tagħha;

32. Illi dan l-aggravju huwa marbut ma' dak ta' qablu. Għal darb'oħra, l-appellanti qed turi n-nuqqas ta' qbil mal-ewwel Qorti talli ħelset minn kull ħtija lil Anthony Grech;

33. Illi huwa miżmum li l-element ta' qerq iseħħ hekk kif id-debitur jagħmel minn rajh att li bih ikun jaf li qiegħda tiżdied l-insolvenza jew titnaqqas il-garanzija tal-ħlas tal-krediti dovuti minnu. M'hemmx għalfejn li l-*consilium fraudis* jikkostitwixxi r-rieda li jagħmel ħsara (l-*animus nocendi*) lill-kreditur. Din il-fehma tinstilet minn kull għemil li jsir mid-debitur meta jaf li huwa m'huwiex diġa` f'qagħda li jħallas il-kreditu jew krediti tiegħu, u jagħmel dak l-att b'rieda[21];

[21] P.A. TM **13.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Moira Żammit Tabona v. Silmar Limited et***

34. Illi fit-tieni talba attriċi, l-appellanti titlob li l-aħwa Grech jinstabu responsabbli solidalment bejniethom għad-dejn u t-telf fl-assi u fin-negozju immexxi mil-kumpanija, liema telf wassal għal dannu lilha;

35. Illi fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. Sakemm il-prova li tkun hija rilevanti għall-każ, ma jagħmilx differenza jekk dik il-prova tiħux is-sura ta' xhieda bil-fomm, jew ta' dokument li jixħet dawl fuq l-aspett partikolari tal-każ[22]. Fit-twettieq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterji tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[23];

36. Illi l-ewwel Qorti, mill-provi mressqa u wara li qieset il-fehmiet kemm tal-partijiet kif ukoll tal-perit legali, waslet għall-fehma li l-involviment ta' Anthony Grech kien biss fir-rigward tal-formazzjoni tal-kumpanija, għaldaqstant ma sabetx responsabbilita` konġunta f'Anthony Grech mal-imġiba ta' ħuh, Reno Grech, f'dak li kellu x'jaqsam mat-tmexxija tal-kumpanija;

---

[22] App. Inf. PS **15.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vodafone Malta Limited v. Mark Vella*** u App. Ċiv. PS **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Iris Dalmas v. Mons Joseph Dalmas et***

[23] App. Inf. PS **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et v. Victor Callejta et***

37. Illi din il-Qorti, għall-istess raġunijiet li waslet għalihom meta qieset l-ewwel aggravju, hija tal-fehma li l-ewwel Qorti mxiet tajjeb meta tefgħet fuq żewġ l-appellanti r-responsabbilita` għad-dannu li ġarrbet, u li ma ssibx f'Anthony Grech l-element ta' qerq fit-tmexxija tal-kumpanija, liema element huwa wieħed essenzjali biex tirnexxi azzjoni bħal dik mibdija mill-appellanti;

38. Illi għaldaqstant lanqas dan it-tieni aggravju ma jirriżulta mistħoqq u għalhekk ukoll mhux ser jintlaqa';

39. Illi taħt **it-tielet aggravju**, l-appellanti tqis mhux sewwa l-kejl imwettaq mill-ewwel Qorti meta qieset li fis-27 ta' April, 2001, l-appellanti ħadet f'idejha t-tmexxija tal-kumpannija w illimitat il-likwidazzjoni tal-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata sa dik id-data. Fi kliem l-appellanti, hija qatt ma ġiet reintegrata fit-tmexxija tal-kumpannija w għaldaqstant l-imgħax ma jistax jintrabat mad-data tas-27 ta' April, 2001;

40. Illi mill-atti joħroġ li s-27 ta' April, 2001, huwa l-jum meta ntlaqgħet it-talba tal-appellanti fil-kawża (Ċit. Nru. 271/1996NA), li biha l-attriċi talbet li tiġi fdata bit-tmexxija tal-kumpannija[24]. F'dik is-sentenza, il-Qorti

[24] Paġġ. 238 sa 245 tal-proċess

laqgħet it-talba attriċi limitatament għat-tmexxija tan-negozzju tal-kumpannija li kien jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

41. Illi l-Qorti, wara li qieset l-ilment tal-appellanti, tasal għall- fehma li l-appellanti ħadet f'idejha t-tmexxija tal-kumpanija b'mod effettiv f'xi żmien wara l-għoti tal-imsemmija sentenza tant li fetħet b'suċċess saħansitra kawżi fil-qorti biex reġgħet daħħlet fil-komunjoni ġid li kien għand terzi. Tqis li l-fatt li l-ħidma tagħha ma tathiex ir-riżultat mixtieq, kemm minħabba l-aġir dominanti ta' żewġha, kif ukoll minħabba l-qagħda prekarja li l-kumpanija kienet tinstab fiha, ma humiex konsiderazzjonijiet li l-ewwel Qorti ma tatx każ tagħhom, iżda ċirkostanzi li sfortunatament ma jxejnux il-fatt li l-kumpannija formalment ġiet f'idejn l-appellanta fis-27 ta' April, 2001;

42. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tara li l-ewwel Qorti mxiet tajjeb meta rabtet l-imgħax fuq il-likwidazzjoni tad-danni sad-data tas-27 ta' April, 2001. Dan l-aggravju għaldaqstant qed jiġi miċħud;

**Decide:**

43. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** u tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Marzu, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż ta' dan l-appell** jitħallsu mill-appellanti, filwaqt li dawk tal-ewwel istanza jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti | Joseph R. Micallef | Tonio Mallia |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr